20 ta' Jannar, 1967

Imħallef:

Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.

Evellina Galea

*versus*

Mary Spiteri et

**Dotarju — Mara miżżewġa — Legat lill- — Armla.**

*Id-dotarju għandu jinqata' mis-sehem li lill-armla jmiss mill-wirt ta' żewġha. Jekk imbagħad it-testatur ikun ordna li dawk il-lazziti ma għandhomx jiġu hekk komputati, allura dik id-dispożizzjoni taqa' taħt il-limitazzjoni tal-artikolu 641 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti, rat id-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju, 1966, fejn huma rikapitolati t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u li biha ipprovdit fuq l-ewwel u t-tieni talba asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba stanti ċessjoni da parti tal-attriċi, u irriservat li tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra wara li jkun għadda t-terminu tal-appell billi l-aħħar talbiet mhux provduti kienu jiddependu mill-eżitu tal-ewwel tnejn li kienu ġew deċiżi;

Tikkunsidra illi t-talbiet li fuqhom il-Qorti għandha tippronunzja ruħha fuqhom huma 1) il-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali tat-tieni żwieġ ta' Salvatore Galea mal-attriċi; 2) id-diviżjoni ta' dana l-assi bejn l-attriċi u l-assi partikolari ta' Salvatore Galea; 3) il-likwidazzjoni tal-assi partikolari ta' Salvatore Galea, u bħala soġġett l-istess assi għal usufrutt ordnat mill-istess Galea favur l-attriċi;

L-attriċi fin-nota a *fol.* 237 ġabret il-lanjanza tagħha bi kritika tal-ewwel rapport peritali, u għalhekk hemm bżonn li l-Qorti tieħu konjizzjoni tagħhom biex tara jekk hemmx lok għal varjazzjonijiet fil-konklużjonijiet tal-perit;

Omissis

Hawn *tiġi* wkoll *il-kwistjoni* tad-dotarju. Il-perit legali irraġuna hekk. L-ewwel beda biex qal li d-dotarju ma għandux jiffigura mal-passiv partikolari ta' Salvatore Galea stanti li b'liġi espressa ċioè bl-artikolu 867 Kodiċi Ċivili, il-mara li tibqa' ħajja wara żewġha, meta tikkonkorri ma werrieta oħra, għandha tgħodd akkont tal-ħwejjeġ li jmissha dak kollu li tkun kisbet mingħand żewġha b'kull titolu gratwitu, imqar ta' donazzjoni in kontemplazzjoni ta' żwieġ, kompriż id-dotarju. U billi l-laxxiti huma superjuri għal elf lira dotarju dana huwa assorbit *kompletament u* għandu jisparixxi taħt dana l-aspett. Però kompla rraġuna *l-perit*, Salvatore Galea fit-testment tiegħu ordna dawn il-laxxiti a *favur* l-attriċi bla preġudizzju taddotarju, u għalhekk ma huwiex imputabbli iżjed akkont tal-laxxiti billi dina l-imputazzjoni ssir biss meta ma jkunx hemm dikjarazzjoni in kuntrarju fit-testment. (art. 676 Kod. Ċiv.) bħal ma hu dan il-każ. Għalhekk jekk id-dotarju sparixxa bħala passiv reġa' tfaċċa bħala laxxitu testamentarju u bħala laxxitu *testamentarju* kien soġġett għal riduzzjoni jekk unit mal-laxxiti *l-oħra* kien *jiġi* superjuri għal dak li kien sejjer jieħu kull wieħed mit-*tfal* ta' Salvatore Galea mill-ewwel żwieġ tiegħu (art. 641 Kodiċi Ċivili).

Il-perit legali fil-fatt irriduċa d-dotarju b'dan il-mod. Fuq il-presuppost li l-attiv tal-assi ta' Salvatore Galea kien jammonta għal £6920.10.0d, u wara li ikkonstata li l-laxxiti favur l-attriċi kienu jammontaw għal £2877.12.4d. kompriż id-dotarju, il-perit sab li jibqa' bilanċ ta' £4042.17.8d li biex jinqasam bejn iż-żewġ konvenuti jiġi ta' £2021.8.10d. li ovvjament

huwa inferjuri għal valur tal-laxxiti tal-attriċi. Għalhekk huwa ħa t-terz tal-valur tal-assi partikolari ta' Salvatore Galea ċioè £2306.16.8d. u irriduċa l-laxxiti a favur tal-attriċi b'£570.15.8d biex l-istess attriċi tieħu biss b'kemm jiswa £2306, bħal ma jieħdu kull waħda mit-tfal tal-ewwel żwieġ.

L-attriċi għamlet diversi lamenti dwar dina l-aħħar parti tar-rapport peritali li għalihom irrisponda l-perit fit-tieni relazzjoni tiegħu. L-attriċi spiċċat biex qalet li fi kwalunkwe każ, kieku l-perit ma injorax id-donazzjoni ta' beni stabili magħmula minn Salvatore Galea lit-tfal tiegħu, hija kienet tkun tista' tikkonsegwixxi d-dotarju fl-interezza tiegħu billi bl-unjoni fittizja tal-beni donati mal-kumplament tal-assi ta' Salvatore Galea, kien ikun hemm valur biżżejjed biex ma ssir ebda riduzzjoni. Eċċettwata dina l-kwistjoni tad-donazzjoni, il-Qorti taqbel għal kollox mar-raġunamenti tal-perit u taddatahom. Wieħed jista' jżied li d-deċiżjoni ċitata mill-attriċi "Debono vs. Debono" Appell, 13 ta' Frar, 1914, trid tinqara flimkien mad-deċiżjoni iktar reċenti tal-24 ta' Jannar, 1936 *in re* Scicluna vs Micallef Kollez. Vol. XXIX, P. 1, paġ. 417 fejn l-Oħorabbli Qorti tal-Appell reġgħet affermat il-prinċipju sanċit mil-liġi li d-dotarju għandu jinqata' mis-sehem li lill-armla jmissha mill-wirt ta' żewġha. Jekk imbagħad Salvatore Galea fit-testment tiegħu ordna li l-laxxiti kollha favur l-attriċi jsiru mingħajr preġudizzju tad-dotarju, sewwa irraġuna l-perit li allura si tratta ta' dispożizzjoni testamentarja li taqa' taħt il-limitazzjoni tal-artikolu 641 tal-Kodiċi Ċivili.

Kwantu però għad-donazzjoni tal-31 ta' Jannar, 1945, li l-perit deherlu li għandu jinjoraha għaliex ta' donazzjoni ma kellhiex ħlief l-isem imma kellha tiġi kunsidrata bħala transazzjoni, il-Qorti ma tħossx li tista' tarbitra u tipprova tindovina l-ħsieb tal-partijiet meta ma hemm ebda aċċenn għal dina t-transazzjoni fl-att relattiv bħal ma ħassitix ġustifikata *in* difett ta' prova ċara u preċiża li tippresumi li meta Salvatore

Galea u t-tfal kienu qaamu l-flus wara l-mewt ta' l-ewwel mara kienu ħadu wkoll in konsiderazzjoni l-prelevament b'mod li ma kienx hemm lok għal ebda assenjazzjoni mħabba li kollox kien ġie likwidat. Ma kienx però barra minn loku li jiġi rilevat li kieku l-partijiet aċċettaw mill-bidu l-ewwel rapport peritali r-riżultat finali ma tantx kien ikun il-bogħod minn dak li sejjer ikun b'dina s-sentenza b'risparm kbir ta' spejjeż u ta' żmien, anke jekk kif irrileva l-perit ma sarx kollox bi preċiżjoni matematika.

Bl-att tad-donazzjoni fuq imsemmi tal-31 ta' Jannar 1954 (fol. 442) Salvatore Galea kien iddona kwota ta' stabili tal-valur ta' £987.17.2 kif hemm dikjarat fl-istess art. Dan il-valur għalhekk għandu jiżdied mal-attiv nett tal-assi partikolari ta' Salvatore Galea kif fuq likwidat b'dina d-deċiżjoni fl-ammont ta' £6427.5.8d. u b'hekk l-assi ta' Salvatore Galea għal fini tal-kalkolu ta' kemm imiss lill-attriċi jiġi ta' £7415.2.10. U billi t-terz jekwivali għal £2471.14.3 il-laxxiti tal-attriċi kompriż id-dotarju għandhom jiġu ridotti għal dan l-ammont.

Il-ħlas lill-attriċi jsir kif suġġerit mill-perit fil-paragrafu XXXII tar-relazzjoni li għandu jifforma parti wkoll minn dina d-deċiżjoni, bl-aġġunta però ta' tnejn u tmenin lira, sittax-xelin u erbgħa soldi (£82.16.4) billi l-ekwiparazzjoni għandu tkun ta' mija erbgħa u sittin lira, sbatax-il xelin u sebgħa soldi (£164.17.7).

Għalhekk tiddeċidi u tiddisponi definitivament mill-kawża billi: — 1) tiddikjara illi l-assi soċjali konjugali ta' Salvatore Galea mat-tieni mara tiegħu, l-attriċi, jikkonsisti fl-attiv u fil-passiv kif hemm indikat fir-relazzjoni peritali fil-paragrafi XXI, XXII, XXIII u kif rijassunt fil-paragrafu XXIV;

2) illi d-diviżjoni ta' dana l-assi u l-assenjazzjoni rela-

tiva jsiru wkoll kif suġġerit mill-perit fil-paragrafu XXV tar-relazzjoni;

3) Illi l-assi partikolari ta' Salvatore Galea huwa wkoll kif likwidat mill-perit fil-paragrafi XXVI, XXVII, XXXVIII, bl-aġġunta ta' £617.17.10¼ fil-passiv kif intqal qabel, b'mod li l-attiv nett huwa ta' £6427.5.8½d.

4) Illi għal fini tat-tmien talba jiġu assenjati lill-attriċi s-sostanzi ndikati fil-paragrafu XXXII tar-relazzjoni bl-aġġunta £82.16.4 mal-ekwiparazzjoni suġġerita mill-perit b'mod li l-ekwiparazzjoni kollha tkun ta' £164.17.7 u lil konvenuti jiġi assenjat il-kumplament kif suġġerit mill-perit fl-istess paragrafu, u kif soġġett dana l-assi a favur tal-kreditu fuq issemmi a favur tal-konvenut li jiġi estint per konfużjoni;

5) Għal fini tal-aħħar talba tinnomina lin-Nutar Emanuele Agius li għandu jippubblika l-att opportun f'waħda mill-Awla ta' dawn il-Qrati fil-11 ta' Frar, 1967, fil-10 a.m. bl-intervent tal-Avukat Dottor Lewis Camilleri biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-att. L-ispejjeż relativi għal kapi deċiżi bis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1966, jitħallsu mill-konvenuti; dawk relativi għal ħames u sitt talba jitħallsu nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenuti, u dawk relativi għas-sebgħa u tmien talba jitħallsu mill-konvenuti u dak tal-aħħar talba kompriżi dawk tal-kuntratt, prinċipali u aċċessorji, jitħallsu a proporzjon kif ġew regolati l-ispejjeż tat-talbiet l-oħra.